# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 1229/2009/3 JZM**

**Giampaolo Lonzar u l-Avukat Paul Pullicino**
**bħala prokuratur speċjali ta' Hasan Akincioglu**

***v.***

***MLS – Multinational Logistic Services Limited***
**(C 34635) u *Asset Security Nominee Co. Limited***
**(C 11706); u b'dikriet tat-12 ta' Mejju 2010**
**issejħet fil-kawża *Alpha 22 Limited* (OS 1330/T)**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenuti *MLS - Multinational Logistic Services Ltd* ["*MLS*"], *Asset Security Nominee Co. Ltd* ["*Asset*"] u *Alpha 22 Ltd* ["*Alpha*"] [flimkien "il-konvenuti"] biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tal-4 ta' Mejju 2022, wara li titħassar dik is-sentenza għax igħidu illi s-sentenza hija l-effett ta'

żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi, li jgħidu illi flimkien għandhom tmintax fil-mija (18%) tal-ishma fis-soċjetà *Alpha*, fetħu din il-kawża biex jitolbu li jitħassar ftehim – imsejjaħ *Transfer of Business Agreement* – li bis-saħħa tiegħu l-assi ta' *Alpha* wara li din tqiegħdet fi stralċ ġew trasferiti lill-konvenuta *MLS*. Din it-talba tal-atturi ġiet miċħuda mill-qorti tal-ewwel grad u ma sar ebda appell. Iċ-ċaħda tat-talba tal-atturi ma tintlaqatx bil-proċeduri tallum.

3. Il-konvenuti *MLS* u *Asset* inqdew bil-proċeduri mibdija mill-atturi biex ressqu kontro-talbiet b'rikonvenzjoni. Fissru illi l-atturi, kemm personalment u kemm f'isem soċjetajiet tagħhom, kienu xi żmien aġenti ta' *Alpha* sakemm Lonzar u s-soċjetà tiegħu fis-sajf tal-2004 tneħħew minn aġenti minħabba f'dak li l-konvenuti jgħidu illi kien "aġir serju u illegali b'detriment għas-soċjetà". L-atturi personalment kienu wkoll diretturi ta *Alpha*.

4. Fl-2004 u 2005 il-konvenuti talbu illi "jingħataw aċċess għall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta' Giampaolo Lonzar u ta' Hasan Akincioglu għall-iskop ta' reviżjoni u rikonċiljazzjoni u dana *ai termini* tal-kuntratti ta' aġenzija bejn il-partijiet għar-rigward tas-servizzi marittimi", u bdew ukoll proċeduri arbitrali għal dan il-għan. Igħidu illi, għalkemm it-tribunal arbitrali ma iddeċidiex fuq it-talba ewlenija tagħhom, madankollu iddeċieda illi l-atturi "kienu naqsu mill-obbligi tagħhom ta' aġenti fil-konfront ta' *Alpha* u ta' [*MLS*]".

5. Il-konvenuti għalhekk b'rikonvenzjoni talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara … li *MLS-Multinational Logistic Services Ltd* (C 34635) u li *Asset Security Nominee Co. Ltd* (C 11706) fil-kwalità ta' stralċjarju ta' *Alpha 22 Limited* (OS/1330/T) *ossia tramite* awdituri indipendenti u ta' reputazzjoni għandhom id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta' Giampaolo Lonzar u ta' Hasan Akincioglu għall-iskop ta' reviżjoni u rikonċiljazzjoni u dana *ai termini* tal-kuntratti ta' aġenzija bejn il-partijiet għar-rigward tas-servizzi marittimi mogħtija lil bastimenti navali tal-flotta Amerikana minn Lonzar fil-portijiet ta' Trieste, l-Italja u Koper fis-Slovenja u minn Akincioglu fil-portijiet ta' Aksaz, Marmaris & Antalja fit-Turkija u dana għall-perijodu kollu li dawn kienu aġenti;

»2. tordna li *MLS-Multinational Logistic Services Ltd* (C 34635) u li *Asset Security Nominee Co. Ltd* (C 11706) fil-kwalità ta' stralċjarju ta' *Alpha 22 Limited* (OS/1330/T) *ossia tramite* awdituri indipendenti u ta' reputazzjoni jingħataw aċċess għall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta' Giampaolo Lonzar u ta' Hasan Akincioglu għall-iskop ta' reviżjoni u rikonċiljazzjoni u dana *ai termini* tal-kuntratti ta' aġenzija bejn il-partijiet għar-rigward tas-servizzi marittimi mogħtija lil bastimenti navali tal-flotta Amerikana minn Lonzar fil-portijiet ta' Trieste, l-Italja u Koper fis-Slovenja u minn Akincioglu fil-portijiet ta' Aksaz, Marmaris & Antalja fit-Turkija u dana għall-perijodu kollu li dawn kienu aġenti;

»3. tinnomina, taħtar u tinkariga awditur jew ditta ta' awdituri indipendenti u ta' reputazzjoni sabiex jespleta l-inkarigu mogħti skond it-talba suesposta u dana *entro* terminu li tistabilixxi din il-qorti;

»4. tiddikjara u tikkonferma li Giampaolo Lonzar u Hasan Akincioglu huma responsabbli għad-danni fil-każ li ma jippermettux it-twettieq tad-deċiżjonijiet ta' din il-qorti abbażi tat-talbiet suesposti;

»5. il-likwidazzjoni tal-istess danni jibqgħu riservati għal ġudizzju separat;

»6. tiddikjara u tikkonferma li Giampolo Lonzar u Hasan Akincioglu huma responsabbli għall-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri;

»7. tordna li Giampaolo Lonzar u Hasan Akincioglu għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri … … …

6. L-atturi ressqu din l-eċċezzjoni fost oħrajn:

»1. … … …

»2. … … … it-talbiet rikonvenzjonali huma bejn il-partijiet *res judicata* peress illi t-talbiet rikonvenzjonali huma soġġetti għall-klawsola arbitrali esklussiva u dawn l-istess talbiet ġew imressqa mir-rikonvenzjonanti fi proċeduri ta' arbitraġġ internazzjonali numri 829 u 830 tas-sena 2005, li fihom dawn l-istess talbiet ġew dibattuti, deċiżi u respinti u dan permezz tal-*lodo* tat-22 ta` Settembru 2009.«

7. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk dwar il-kontro-talbiet:

»… … …

»tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-atturi ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti;

»tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-atturi għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti;

»tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali kollha;

»… … …

»tordna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża safejn dawn huma relatati mat-talbiet rikonvenzjonali tagħhom u mal-eċċezzjonijiet tal-atturi għal dawk it-talbiet rikonvenzjonali.«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

» L-eccezzjoni tar-*res judicata*

»Jingħad mill-atturi illi t-talbiet rikonvenzjonali huma soġġetti għal klawsola arbitrali esklussiva.

»Igħidu li l-istess talbiet li saru fil-kawża tal-lum saru wkoll fi proċeduri ta' arbitraġġ internazzjonali bin-nru 829 u 830 tal-2005 fejn l-istess talbiet kienu ġew trattati u deċiżi bir-riġett tat-talbiet fil-*lodo* tat-22 ta' Settembru 2009.

»Fil-fehma tal-qorti, din l-eċċezzjoni għandha tkun deċiża skont il-*lex fori.* … … …

»Ladarba l-*lex fori* fil-kaz tal-lum hija dik Maltija, tajjeb jingħad illi sabiex tapplika *res judicata*, iridu jissussistu tliet rekwiziti u *cioè*: a) *eadem res*, b) *eadem causa petendi* u ċ) *eædem personæ.*

»… … …

»It-tliet elementi huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk nieqes imqar wieħed minnhom, taqa' l-eċċezzjoni.

»… … …

»Finalment u rilevanti għall-fini ta' din il-kawża kien stabbilit illi [biex] *res judicata* tiġi eċċepita b'suċċess jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu l-istess bħal dawk tal-każ ta' qabel. Jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi jiġi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu għar-riproposizzjoni tat-talba … … …

»… … …

»Mill-i*statements of claim* jirriżulta li l-istess talbiet li saru fl-arbitraġġi reġa' kienu preżentati quddiem din il-qorti fil-kawża tal-lum. Fil-proċedimenti arbitrali kienu dettaljatament trattati dawn it-talbiet. Din il-qorti tinsab sodisfatta minn eżami tal-i*statements of claims* u *lodo* relattivi illi li dak li ntalab fil-kawża tal-lum huwa identiku għal dak tal-proċeduri ta' arbitraġġ, kemm għal dak li huwa suġġett, natura tal-kawża u persuni involuti.

»L-element ta' *eædem personæ* jissussisti. … … …

»L-element *eadem res* huwa wkoll sodisfatt għax il-kontrotalba tittratta l-istess ftehim ta' aġenzija li kienu l-mertu tal-arbitaġġi. It-talbiet u r-rimedju mitlub huma identiċi.

»Għar-rigward tal-element ta' *eadem* [*causa*] *petendi*, din il-qorti tinnota mhux biss li t-talbiet huma l-istess, iżda l-premessi huma *in gran parte* identiċi wkoll. Fil-fatt il-kontrotalba tista' tgħid li hija traduzzjoni għall-Malti tal-i*statements of claim* fil-proċeduri ta' arbitraġġ.

»Ir-realtà li l-elementi ta' din il-kawza huma identiċi għal dawk tal-arbitraġġi hija ammessa mill-espert legali mressaq mis-soċjetajiet konvenuti li sostna li l-arbitraġġi kienu *claim for disclosure* iżda li kienu fallew minħabba li ma saritx prova li "*their agents*' *failure to provide disclosure had caused them any loss*"*.* Għalhekk l-istess espert legali sostna li, fiż-żmien li seħħew l-arbitraġġi, ma kienx għad hemm it-talba attriċi li hawn fil-każ tallum u għalhekk "*it would be fair to say that Mr Lonzar and Mr Akincioglu*'*s claim in these proceedings is a new circumstance*"*.* Però sostna wkoll illi f'din il-kawża l-konvenuti "*were able to say that, as a result of those new circumstances, they have suffered or will suffer a loss to which they were not previously exposed (for instance due to an inability to finalise accounts without that disclosure) then their counterclaim would not be barred by res judicata"*.

»Dawn il-punti kollha juru li kienet ħaġa ovvja kemm għall-konvenuti kif ukoll għall-espert legali minnhom inkarikat li t-talbiet rikonvenzjonali kienu identiċi għat-talbiet li saru fl-arbitraġġi. Tant hu hekk li l-għan tal-prova li ressqu kienet li jikkonvinċu lil din il-qorti li kienu jeżistu ċirkostanzi ġodda u li għalhekk ma tapplikax l-eċċezzjoni tal-*res judicata*. *Ciò nonostante* … ma rnexxilux jikkonvinċiha illi din il-kawza ġiet imsejsa fuq ċirkostanzi ġodda. Minn qari tal-kontrotalba minn imkien ma jsir imqar aċċenn għall-argument li ressaq l-espert legali u li ressqu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, fis-sens li t-talba għad-dokumenti hija rikjesta sabiex ikun jista' jsir eżerċizzju ta' rikonċiljazzjoni magħhom u konsegwentement *Alpha 22 Limited* tik-konkludi l-kontabilità tagħha u jinħadem valur tagħha u jiġi hekk ikkalkolat il-prezz għal finijiet tal-ftehim tal-31 ta' Diċembru 2004. Fil-premessi ma sar l-ebda aċċenn għal dan il-punt, iżda sempliċiment saret enfazi fuq il-fatt li kien hemm kuntratti ta' aġenzija bejn il-partijiet u li din it-talba kienet qed issir sabiex tkun tista' ssir rikonċiljazzjoni *ai termini* ta' dawn il-kuntratti ta' aġenzija rigwardanti servizzi marittimi. Infatti, ġie sottolinjat illi huwa prinċipju stabbilit u kardinali tar-rapport bejn l-aġent u l-prinċipal tiegħu li jingħata rendikont tax-xogħol u tal-ispiża li l-aġent ikun nefaq għan-nom tiegħu. Din il-qorti assolutament ma tarax li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jrendi l-eċċezzjoni ta' *res judicata* inapplikabbli. *Inoltre*, minn qari tal-*lodo* tal-arbitraggi in kwistjoni jidher li l-iskrittura tal-31 ta' Diċembru 2004 ġiet ikkunsidrata wkoll bħala prova. Fil-każ odjern, din il-qorti hija konvinta illi l-kon-venuti kienu qegħdin jipprovaw isibu opportunità biex jibdlu dak deċiż fl-arbitraġġi bit-tama li, din id-darba, jirnexxielhom jieħdu dak li riedu, tentattiv li din il-qorti qegħda tirriġetta.

»Il-qorti qiegħda tiċħad [*sic*] l-eċċezzjoni ta' *res judicata*.

»… … …

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi … … … tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-atturi[1] għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti.«

9. Il-konvenuti appellaw iżda din il-qorti bis-sentenza attakkata ċaħdet l-appell u ikkonfermat għal kollox is-sentenza appellata għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»L-aggravju ewlieni tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt li huma jqisu li, bis-saħħa tas-sentenza appellata, l-ewwel qorti għalqet it-triq biex tit-wettaq l-aktar ħaġa meħtieġa – jiġifieri li jkun determinat il-valur tat-trasferiment tan-negozju (it-*transfer of business*) skont il-ftehim li kien il-mertu ta' din l-azzjoni sa mill-bidunett. Huma jisħqu li dan jista' jsir biss jekk kemm-il darba l-kontijiet ta' *Alpha* jingħalqu u jkunu approvati u li din il-ħtieġa kienet ilha hemm sa minn qabel ma nfetħet din il-kawża u saħansitra sa minn qabel ma tressqu l-arbitraġġi barra minn Malta. Ir-reżistenza tal-appellati tul medda ta' żmien biex dan il-proċess jitwettaq nisslet il-ħtieġa tal-kontro-talba. Għalhekk, l-appell-anti jilmentaw li l-ewwel qorti ma kienx messha tilqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat imqajma mill-atturi appellati rikonvenuti. Huma jgħidu li, għal-kemm l-ewwel qorti nisġet b'mod tajjeb kunsiderazzjonijiet ta' dritt dwar x'jikkostitwixxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat, naqset li tqis li, minn dak-inhar li kienu ngħataw id-deċiżjonijiet arbitrali, kienu nbidlu ċ-ċirko-stanzi, u l-ġudikat ma jżommx milli wieħed iressaq pretensjonijiet ġodda jekk kemm-il darba ċ-ċirkostanzi jkunu nbidlu. Fi kliem ieħor, l-appellati jgħidu li jekk kemm-il darba dik l-eċċezzjoni ma kinitx mistħoqqa, allura awtomatikament l-ewwel qorti kellha tilqa' l-azzjoni rikonvenzjonali tagħhom. Sussidjarjament, iqajmu wkoll l-aggravju l-ieħor li fis-sentenza appellata jidher li hemm kontradizzjoni billi, dejjem dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat, l-ewwel qorti tgħid li kienet sejra tiċħadha u mbagħad, fil-parti dispożittiva tal-istess sentenza appellata, tgħid li kienet qiegħda tilqagħha.

»Il-qorti jidhrilha li jixraq tibda tqis dan l-aggravju sussidjarju qabel tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravju fil-mertu. Fl-ewwel lok, jidher li d-dikjarazzjoni li għamlet l-ewwel qorti li kienet qiegħda "tiċħad" l-eċċezzjoni ta' *res judicata* hija, mad-daqqa t'għajn, żelqa tal-pinna għaliex, mill-kunsiderazzjonijiet kollha li saru minnufih qabel dik id-dikjarazzjoni, joħroġ ċar li l-ewwel qorti rat li l-eċċezzjoni tal-ġudikat imqajma mill-atturi rikonvenuti appellati kienet mistħoqqa. Mill-qafas ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, imbagħad, id-deċiżjoni li tidher fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata taqbel ma' dik il-fehma li l-ewwel qorti riedet twassal. Fit-tieni lok, il-liġi tal-proċedura tgħid kif u x'imissu jsir meta f'xi sentenza jkun meħtieġ li jissewwew xi żbalji ta' kliem f'sentenza. L-appellanti ma nqdewx b'dak ir-rimedju u għalhekk ma jiswiex issa li jippruvaw jinqdew b'dan l-aggravju sussidjarju li bih donnhom qegħdin jgħidu li s-sentenza appellata hija milquta b'xi nuqqas li jġibha ma tiswiex.

[1] It-tieni eċċezzjoni tal-atturi hija l-eċċezzjoni ta' *res iudicata*.

»Għal dak li jirrigwarda l-aggravju waħdieni fil-mertu, l-appellati jirribattu b'mod ġeneriku u fil-qosor billi jisiltu s-sensiela ta' ġrajjiet li wasslu biex infetħet l-azzjoni ewlenija tagħhom. B'mod partikolari, jsemmu l-proċeduri arbitrali li l-appellanti nfushom kienu ressqu f'Malta bl-istess talbiet li qajmu fl-azzjoni rikonvenzjonali tagħhom, u liema deċiżjonijiet kienu nqatgħu f'Settembru tal-2009 (u konfermati mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April 2010) kontra l-istess appellati.

»Dwar dan l-aggravju l-appellanti jlumu biss lill-ewwel qorti meta jqisu li hija ma tatx każ li, bejn dakinhar li kien ingħata l-*lodo* fl-arbitraġġi msemmija sa ma nfetħet l-azzjoni ewlenija tal-appellati, kienu nbidlu ċ-ċirkostanzi u, b'hekk, ġie nieqes wieħed mill-elementi meħtieġa li jsejsu l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Għall-kuntrarju, f'dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet li dik il-qorti għamlet dwar l-aspetti dottrinali tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, jgħidu espressament li "s-sentenza appellata tartikola ben tajjeb il-prinċipji ta' *res judicata* kif applikata fil-liġi Maltija u interpretata mill-qrati Maltin". L-appellanti jgħidu li meta jkun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet, tinbet l-eċċezzjoni għar-regola tal-ġudikat u tinħalaq il-ħtieġa ta' rikonsiderazzjoni jew smigħ mill-ġdid tal-materja.

»Minn qari kemm tal-atti proċesswali u kif ukoll tas-sentenza appellata joħroġ ċar li l-kwestjoni tal-bdil taċ-ċirkostanzi li l-appellanti jgħidu li ġraw kienet mistħarrġa mill-ewwel qorti. Dik il-qorti semmiet ukoll sensiela ta' sentenzi li jitkellmu dwar x'effett ikollha l-eċċezzjoni tal-ġudikat jekk kemm-il darba jirriżultaw tabilħaqq li jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi minn dakinhar li tkun ingħatat sentenza li tikkostitwixxi ġudikat bejn il-partijiet[2]. Din il-qorti żżid tgħid ukoll li jgħodd il-prinċipju li l-ġudikat joħloq ukoll is-saħħa tiegħu għaż-żmien wara li tkun ingħatat is-sentenza li toħloq il-ġudikat[3], sakemm ma jkunx seħħ "tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi"[4] li jġib miegħu bdil saħansitra fir-*res* u għal-hekk ikun jikkostitwixxi bdil ta' effett tali li ma tibqax aktar *eadem res*. L-ewwel qorti sabet li t-talbiet li l-appellanti kienu ressqu fil-proċeduri arbitrali u dawk imressqin fil-kontro-talba kienu l-istess. Waslet għall-fehma wkoll li ma ntweriex li kien seħħ tassew xi bdil fiċ-ċirkostanzi minn dakinhar li ngħataw id-deċiżjonijiet arbitrali (u konfermati fl-appell) u dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata.

»Minbarra dan, la fir-rikors tal-appell u lanqas waqt it-trattazzjoni tal-għeluq li saret quddiem din il-qorti ma ngħata l-iċken ħjiel ta' x'kienet il-bidla fiċ-ċirkostanzi li l-appellanti jgħidu li ġrat. Jidher ukoll li dan l-aggravju joqrob ħafna lejn appell mill-eżerċizzju ta' apprezzament ta' fatti magħmul mill-ewwel qorti milli aggravju dwar punt ta' dritt. Din il-qorti fliet b'reqqa l-provi dokumentali u wkoll is-sottomissjonijiet li l-appellanti kienu ressqu quddiem l-ewwel qorti u, bħall-qorti ta' qabilha, ma jirriżultalha ebda bdil fiċ-ċirkostanzi f'dawk l-aspetti li dwarhom l-appellanti speċifikatament ressqu l-azzjoni rikonvenzjonali tagħhom.

»Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti ssib li l-aggravju mhux mistħoqq u mhux se jintlaqa'.

---

2 App. Ċiv. 30.10.2015 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Portelli *v.* Joseph Stellini *et*

3 App. Inf. 5.3.2010 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Agius *v.* Maria Fenech

4 App. Ċiv. 31.5.1996 fil-kawża fl-ismijiet Giuseppe Mizzi *et v.* Joseph Sacco (mhix pubblikata)

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-intimati *MLS - Multinational Logistic Services Limited* u *Asset Security Nominee Company Limited* u mill-imsejħa fil-kawża *Alpha 22 Limited* mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2016 fil-kawża fl-ismijiet premessi bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox dik is-sentenza, u tordna li l-appellanti jħallsu l-ispejjeż ta' dan l-appell.«

10. B'rikors tad-29 ta' Lulju 2022 il-konvenuti appellanti talbu illi l-appell jinstema' mill-ġdid wara li titħassar is-sentenza appellata illi jgħidu illi kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. L-atturi wieġbu fid-9 ta' Jannar 2023 u qalu illi t-talba għal ritrattazzjoni hija waħda fiergħa.

11. Ir-raġunijiet għat-talba tal-konvenuti appellanti ġiet imfissra hekk:

»Ir-ritrattandi jissottomettu illi s-sentenza attakkata hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u b'hekk hemm lok għar-ritrattazzjoni tal-fuq imsemmija sentenza a tenur tal-artikolu 811(*l*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Ir-ritrattandi jirraviżaw dan id-difett fil-fatt illi s-sentenza ritrattata qieset illi ma kienx hemm ċirkostanzi ġodda li biddlu radikalment is-sitwazzjoni wara li saru l-proċeduri arbitrali u li kellhom iwasslu għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni mir-regola tar-*res judicata*. Din l-asserzjoni fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tinsab stabbilita pożittivament u tirriżulta biċ-ċar mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza. Dan għaliex mill-provi esebiti u mill-atti tal-kawża kien jirriżulta proprju l-kuntrarju, u *cioè* illi bir-rikors promotur u bis-sentenza tal-ewwel qorti nbidlu drastikament iċ-ċirkostanzi fattwali rilevanti għar-*res judicata.*

»Dan jirrizulta minn varji provi u dokumenti mill-atti tal-kawża u dokumenti fi proċessi ta' kawżi oħra li kienu ġew allegati magħhom, u r-ritrattanda qiegħda hawnhekk telenka uħud minn dawk il-provi, u *cioè*:

»(i) L-esponenti ritrattandi sa mill-bidunett ta' dawn il-proċeduri stqarrew illi huma kienu diġà ressqu proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ f'Malta kontra l-atturi ritrattati fejn talbu *inter alia* proprju li jingħataw aċċess għall-kotba u għad-dokumenti finanzjarji relattivi għax-xogħol svolt minnhom bħala aġenti ta' *Alpha* u *MLS* u dan bl-iskop li ssir reviżjoni ta' dawk il-kotba finanzjarji. Il-proċeduri arbitrali ġew deċiżi b'*lodo* tat-22 ta' Settembru 2009.

»(ii) Peress li l-esponenti kien dehrilhom li ma kinitx giet deċiża t-talba surreferita dwar l-aċċess għall-kotba u dokumenti finanzjarji, huma kienu ressqu talba quddiem it-tribunal arbitrali sabiex jingħata *lodo* addizzjonali. It-tribunal arbitrali kien għażel li ma jiħux aktar konjizzjoni ta' talba tagħhom għall-għoti ta' deċiżjoni arbitrali addizzjonali .

»(iii) L-esponenti kienu appellaw mill-*lodo* arbitrali fi-proċeduri surreferiti u l-appell ġie eventwalment deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) billi ġew miċħuda l-appelli in kwistjoni u ġew konfermati l-*lodo* arbitrali. Dan jirriżulta mis-sentenzi esebiti in atti *a foll.* 292 *et seqq*. Minn dawk is-sentenzi jirriżultaw ukoll il-konsiderazzjonijiet li wasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet in kwistjoni.

»(iv) Il-kostatazzjonijiet prinċipali tal-*lodo* konfermati kienu s-segwenti:

> »"(a) that both claimants have standing to bring these claims; and (b) the agency relationship between claimants and respondents covered Trieste, Koper, and any other Italian ports in which respondents actually carried out ship-husbanding services for the claimants between 1 April 1999 and 24 August 2004, *i.e.* the date on which that relationship was terminated by the claimants; and
>
> »"(c) that the respondents were contractually bound (i) to disclose documents as set out in paragraph 7 of the MLS-OPM throughout the period between 1 April 1999 and 30 March 2004 for ship-husbanding services provided by the respondents in the ports of Trieste, Koper and any other Italian ports in which respondents actually carried out ship-husbanding services for the claimants; and (ii) to return property belonging to the claimants at the end of that period; and
>
> »"(d) that the respondents were in breach of their obligations to disclose documents as set out in paragraph 7 of the MLS-OPM throughout the period between 1 April 1999 and 30 March 2004 for ship-husbanding services provided by the respondents in the ports of Trieste, Koper and any other Italian ports in which the respondents actually carried out ship-husbanding services for the claimants; and
>
> »"(e) that the Respondents were in breach of their obligation to return property belonging to the claimants at the end of that period; but.
>
> »"(f) that the claimants have not proven that any loss clearly ensued as a result of the respondents' breabhes of the contractual duties relied upon by the claimants; and
>
> »"(g) that the claimants are not entitled to the sums set out 'in addition' at clauses 7.4 and 9.5 of the subject contract."

»(v) Għalhekk dawk l-imsemmija sentenzi effettivament jikkonfermaw illi l-atturi ritrattati kellhom obbligu kontrattwali li jiżvelaw id-dokumenti finanzjarji relativi lill-esponenti ritrattandi u għalhekk bl-agir tagħhom ir-ritrattati kisru l-obbligi kontrattwali tagħhom. B'dana illi dawk is-sentenzi kienu stabbilixxew ukoll illi l-esponenti ma kinux ippruvaw id-danni sofferti bħala konsegwenza tal-vjolazzjonijiet kontrattwali kommessi mir-ritrattati.

> »"Claimants fail before us in both requests, *i.e.* orders and damages, and in respect of both breaches, *i.e.* disclosure and return of property. Insofar as the caimants have asked for orders specifically asking that respondents should perform their contractual duties to disclose and to return, these requests amount to requests for orders specifically to perform contractual obligations: these requests can only be granted under english law, the law governing the subject contract, if damages are an inadequate remedy – and the adequacy of damages as a remedy

is here established by the claimants' very own request for a considerable amount of damages in this reference. Then, insofar as the claimants have asked for damages, these requests fail too because the claimants have failed to prove any loss resulting from breach and because the contract clauses seeking to liquidate those damages amount to penalty clauses unenforceable under english law, again the law governing the subject contract. For these reasons, set out in greater detail througħout this award and here briefly summarised, the claimants claims are dismissed in full."

»(vi) Kif ingħad, il-*lodo* arbitrali ġew sussewentement konfermati fl-appell. Għalhekk is-sentenzi finali rigward it-talbiet tal-esponenti għal *disclosure of documents* kienet ippernjata proprju fuq in-nuqqas ta' prova ta' dannu.

»(vii) Dan kollu nbidel meta u ladarba kienu r-ritrattati stess illi ippromwovew kawża għad-danni kontra l-esponenti. L-intavolar tar-rikors promotur (naturalment formanti parti mill-atti tal-kawża) effettivament neħħa l-ostakolu li sab it-tribunal arbitrali, u sussegwentement il-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, sabiex jiġu milqugħa t-talbiet rikonvenzjonali surreferiti. Għalhekk, bħala stat ta' fatt, iċ-ċirkostanzi nbidlu drastikament. Dan jirrizulta biċ-ċar mill-atti tal-kawża.

»*In vista* tal-fatti hawn fuq esposti, is-sentenza ritrattata ma setgħetx tqis illi ma kien hemm ebda bidla fiċ-ċirkostanzi meta l-bidla nġiebet bl-aġir tar-ritrattati stess meta huma għażlu li jintavolaw proċeduri għad-danni kontra l-esponenti. Fuq kollox, kien l-aġir tal-istess ritrattati u n-nuqqas ta' kooperazzjoni tagħhom li wassal sabiex jiġi stultifikat ii-proċess tal-istralċ ta' *Alpha 22 Limited*. Il-pass legali li ħadu r-ritrattati sostanzjalment bidel il-posizzjoni legali tal-esponenti u dan b'effett dirett fuq it-talba għall-iżvelar ta' dokumenti li kienet preċedentement tressqet fil-proċeduri tal-arbitraġġ kif ingħad.

»Għalhekk is-sentenza ritrattata kienet milquta bi żball ta' fatt li jirriżulta biċ-ċar mill-atti u d-dokumenti tal-kawża. Li kieku ma kienx għal tali żball, is-sentenza ritrattata kellha raġonevolment tiddeċiedi illi tapplika l-eċċezzjoni għar-regola tar-*res judicata*.

»Huwa risaput li *r-res judicata* tkun ta' ostakolu għal smigħ ta' kawża ġdida meta jikkonkorru tliet elementi: *eædem personæ, eadem res* u *eadem causa petendi*. Madanakollu jinsab aċċettat fil-gurisprudenza – kemm nostrana u kif ukoll dik ingliża – illi meta jkun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi titwieled eċċezzjoni għar-*res judicata*. Dana għaliex, fejn iċ-ċirkostanzi bejn il-partijiet jinbidlu, tkun timmerita r-rikonsiderazzjoni tal-kwistjoni mill-qrati fuq kollox għaliex il-fatti rilevanti ma jkunux għadhom l-istess, ir-*res* u/jew il-*causa petendi* jkunu nbidlu.

»Għalhekk meta wieħed jikkonsidra l-iżball fattwali fis-sentenza ritrattata għandu jirriżulta biċ-ċar illi l-bidla fiċ-ċirkostanzi li tirriżulta mill-atti u d-dokumenti tal-kawża, kif ingħad, kellha twassal għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għar-*res judicata* u għaċ-ċaħda konsegwenzjali tal-eċċezzjoni relattiva.

»Per konsegwenza tad-*decide* dwar il-mertu l-Qorti tal-Appell qatgħetha li, ladarba ma tatx raġun lill-esponenti, l-ispejjeż tal-appell kellhom jiġu mħallsa interament minnhom. Peress illi kif diġà ngħad is-sentenza attakkata fil-parti fejn iddeċidiet il-mertu hija riżultat ta' żball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawża u ta' applikazzjoni żbaljata tal-liġi, il-mod

> kif ġie deċiż il-kap tal-ispejjeż neċessarjament ukoll huwa effett dirett ta' dan.
>
> »Għalhekk ir-ritrattandi jixtiequ u qegħdin ukoll jattakkaw il-kap tal-ispejjeż għar-raġunijiet kollha appena premessi.«

12. L-argument tal-konvenuti jidher li hu dan:

13. L-arbitraġġi nqatgħu kontra tagħhom għax "*insofar as the claimants have asked for damages, these requests fail too because the claimants have failed to prove any loss resulting from breach and because the contract clauses seeking to liquidate those damages amount to penalty clauses unenforceable under english law, again the law governing the subject contract*".

14. Dwar l-ewwel raġuni għaċ-ċaħda tat-talbiet tagħhom – "*because the claimants have failed to prove any loss resulting from breach*" – il-konvenuti jgħidu illi ċ-ċirkostanzi nbidlu meta l-atturi "ippromwovew kawża għad-danni"[5] kontriehom. Ir-rabta tal-ħsieb ma tidhirx li hija fost dawk li jidhru mill-iżjed ċari iżda milli jidher il-konvenuti qegħdin igħidu illi jekk ikunu mġiegħla jħallsu d-danni li (eventwalment bla suċċess) talbu l-atturi kontriehom, il-fatt li jkollhom iħallsu dawn id-danni jkun telf jew "dannu" għalihom u din għalhekk tkun il-prova tad-dannu li n-nuqqas tagħha wassal biex l-arbitraġġi jinqatgħu kontra tagħhom.

15. Ma tridx wisq biex tintebaħ mill-ewwel illi essenzjalment l-argument huwa msejjes fuq il-loġika tan-*non sequitur*.

---

5 Strettament il-kawża mibdija mill-atturi ma kinitx "għad-danni" iżda għar-rexissjoni ta' ftehim ta' trasferiment ta' assi ta' *Alpha* u biex dawk l-assi jintraddu għall-għanijiet tal-istralċ ta' *Alpha.*

16. F'kull każ, iżda, bla ma tħoss il-ħtieġa li tikkummenta ulterjorment fuq il-loġika (jew nuqqas tagħha) tal-argument li min jiftaħ kontrik kawża għal danni jikkawżalek, b'hekk biss, dannu li tista' tfittxu għalih, din il-qorti tfakkar illi dawn huma proċeduri taħt l-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili msejsa fuq premessa li s-sentenza attakkata kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. L-art. 811(*l*) ikompli hekk:

> »… … … basta li … il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.«

17. Is-sentenza tal-ewwel grad tgħid espressament illi "l-għan tal-prova li ressqu [*sc.* il-konvenuti appellanti] kienet li jikkonvinċu lil din il-qorti li kienu jeżistu ċirkostanzi ġodda u li għalhekk ma tapplikax l-eċċezzjoni tal-*res judicata*. *Ciò nonostante* … ma rnexxilux jikkonvinċiha illi din il-kawza ġiet imsejsa fuq ċirkostanzi ġodda. … … … Din il-qorti assolutament ma tarax li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jrendi l-eċċezzjoni ta' *res judicata* inapplikabbli". Din il-qorti fis-sentenza attakkata ikkonfermat "għal kollox" is-sentenza tal-ewwel grad wara illi osservat illi "Minn qari kemm tal-atti proċesswali u kif ukoll tas-sentenza appellata joħroġ ċar li l-kwestjoni tal-bdil taċ-ċirkostanzi li l-appellanti jgħidu li ġraw kienet mist-ħarrġa mill-ewwel qorti".

18. Dan ifisser li l-kwistjoni jekk hemmx ċirkostanzi ġodda li huma ta' rele-vanza għall-kwistjoni tar-*res judicata* kienet punt ikkontestat li ġà ġie deċiż. Għalhekk ma jistax jitressaq l-argument għall-għanijiet tal-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

19. Barra minn hekk, il-konvenuti qegħdin jitolbu t-tħassir tas-sentenza attakkata għax igħidu li hija msejsa fuq "is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożitivament". Dan il-fatt, kif jidher mir-rikors għar-ritrattazzjoni, huwa l-kawża mibdija mill-atturi, u diffiċli tifhem kif il-qorti setgħet qatt "issupponiet" li ma jeżistux l-atti li bdew il-proċeduri quddiemha!

20. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba biex titħassar is-sentenza attakkata u biex l-appell jinstema' mill-ġdid.

21. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jħallsuhom it-tliet konvenuti li ressqu t-talba. Ukoll, billi hija tal-fehma illi r-rikors għal ritrattazzjoni huwa għal kollox fieragħ, il-qorti wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tordna lill-istess tliet konvenuti jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' elfejn ewro (€2,000).

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da